**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 68/20**

**Sharon Borg**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-11 ta' Settembru 2020 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi permezz ta' applikazzjoni intavolata mal-Awtorita intimata numru GLA 12B/2020/0301, l-appellanti talbet "Application over PA/1966/17, for relocation of tables and chairs and umbrellas from Victory Square to Main Street, including demount-able platform and wrought iron fence, at 1, Main Street, c/w Vjal il-Labour, Naxxar.*

*Illi permezz ta' decizjoni komunikata lill-appellanti datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), l-Awtorita appellata cahdet it-talba ta' l-appellant u dan skont is-segwenti:*

*The consent is being refused for the following reasons* ***(VIDE DOK A):***
1. *The placing of T&C at this location is a potential safety risk to the users of the public space.*
2. *The hazards identified by TM in the refusal letter dated 23$^{rd}$ July 2020.*

*Illi l-appellanti thossha aggravata b'din id-decizjoni u qieghda umilment tinterponi dan l-appell.*

*Illi l-aggravji tal-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

1. *Illi certament li l-Awtorita' appellata agixxiet ultra vires il-poteri taghha stante li r-ragunijiet attribwiti ghad-decizjoni taghha huma materji li ghandhom jigu decizi fil-process ta' l-Ippjanar u minn Awtoritajiet ohra;*

2. *Illi ghalhekk l-Awtorita' appellata m' ghandiex il-vires li tiddeciedi materji imressqa quddiemha a bazi ta' kriterji li jmorru oltre il-kompetenza taghha;*

3. *Illi f' kull kaz, l-istess decizjoni tal-Awtorita appellata hija nulla u bla effett stante li l-istess decizjoni tmur kontra il-Ligi kif ukoll kontra kull dettam illi Bord gudizzjarju, jew Kawazi Gudizjarju, ghandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji imressqa quddiemu, u dan stante illi l-istess decizjoni hija difettuza fil-procedura, nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddecidewha, oltre il-fatt illi ttiehdet fil-maghluq [1] u mhux f' seduta pubblika [2].*

4. *Illi l-istess decizjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni li tista twassal lill-appellant sabiex jifhem kif u a bazi ta' liema policies u poncipji l-istess decizjoni ittiehdet.*

5. *Illi oltre dan, id-decizjoni ta' l-istess Awtorita hija daqstant iehor nulla u bla effett stante li hija diskriminatorja fil-konfront ta' l-appellanti u dan in vista ta' permessi simili gia' approvati,*

6. *Illi maghdud ma' dan jinghad ukoll illi l-istess sit kien diga' mghammar u approvat b'tali koncessjoni fis-snin precedenti u dan meta l-istess sit kien isem tal-kummerc differenti.*

7. *Illi f' kull kaz, dak mitlub mill-appellant ma ser jikkreja l-ebda perikolu lin-nies passanti.*

8. *Illi l-applikazzjoni tal-appellanti hija konformi mal-Ligijiet u Policies vigenti inkluz il-Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces.*

*Illi in vista tas-suespost, l-appellanti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia mressqa quddiem l-appellata Awtorita', u b'riserva ghall-presentata ta' dawk il-provi li dan it-Tribunal ihoss opportun, ir-rikorrenti bir-rispett titlob illi dan it-Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' apppellata hekk kif ikkomunikata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u dan l-appell jigi milqugh."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fit-23 ta' Settembru 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' Appell ta' Sharon Borg (K.I.305614L) quddiem dan l-Onorabbli Tribunal*
2. *Illi r-rikorrent permezz ta' applikazzjoni , bin-numru ta' referenza GLA12B/2020/0301 kien talab arranġamenti ta' mwejjed u siġġijiet :-*

[1] Dan bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

[2] Vide Italian Image Co. Limited vs. Tourist Services Limited 280/2006 Appell Inferjuri 20 ta' Frar 2008; Ara ukoll Smith vs. Ministeru tal-Finanzi Appell Inferjuri 23 ta' April 2010

*Application over PA1966/17 for relocation of tables and chairs and umbrellas from Victory Square to Main Square , including demountable and wrought iron fence a 1, Main Street, c/w Vjal il-Labour Naxxar*

3. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet kienet ċaħdet din l-applikazzjoni minħabba s-segwenti raġunijiet*
    a. *The placing of T& C at the location is a potential safety risk to the users of the public space*
    b. *The hazards identified by TM in the refusal letter dated 23rd July 2020*

4. *Illi l-Awtorita' tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrent:-*
    I. *Illi t-talba tal-appellant ghandha tigi michuda stante li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' hija wahda gusta fil-forma fis-sustanza liema decizjoni giet mehuda wara li gew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti.*
    II. *Illi in oltre fl-istess decizjoni taghha l-Awtorita' tat raguni skont il-principju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons";*
    III. *Illi ghalhekk isegwi illi l-Awtorita' intimata kienet fil-limiti tad-diskrezzjoni meta ċaħdet l-applikazzjoni odjerna*
    IV. *L-Awtorita' imxiet skont l-Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Space (OCA Policy), u għalhekk kull allegazzjoni li din l-Awtorita' mxiet b'mod diskriminatorju hija għal kollox bla ebda bażi, inveritiera u inġusta għax l-Awtorita' tiddeċiedi skont policy li qegħhda ppublikata biex tkun fl-għarfien tal-pubbliku kollu*
    V. *Illi l-Qorti dejjem segwiet il-prinċipju li l-Awtorita' għandha timxi mal-policies viġenti, partikolarment fil-kawża Jeffrey Friggieri vs l-Awtorita' tal-Artijiet, ingħad:*

*' it-Tribunal jirrileva illi huwa dejjem kien konsistenti fuq il-fatt illi kwalunkwe decizjoni tal-Awtorita` intimata fir-rigward ghandha ssegwi lpolicies vigenti u tara li ma jkunhemm perikolu ghall-pubbliku in generali.*[3]

    VI. *Illi wieħed mill-aggravji imsemmija mir-rikorrent hu li 'l-istess deċiżjoni tal-Awtorita' appellata hija nulla u bla effett stante li l-istess deċiżjoni tmur kontra liġi. Illi dan hu għal kollox skorret hekk kif skont Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta Awtorita' tfisser ' l-Awtorità tal-Artijiet stabbilita skont l-artikolu 5 u* ***tinkludi kull korp jew persuna oħra li taġixxi f'isimha***[4] *...''*
    VII. *Illi r-rikorrent f-agravvji tiegħu niżżel li s-sit kien diġa mgħammar b'konċessjonni fis-snin preċedenti. Iżda bid-dovut rispett dan mhuwiex eżatt stante li l-istabbiliment kien mgħammar b'permess ta' tables and chairs f'post differenti, tant kemm hu hekk li l-applikazzjoni li għamel l-istess rikorrent hi għal* ***' Relocation of tables and chair and umbrellas from Victory square to Main Street'.*** *Illi għalhekk din l-applikazzjoni hija ghal relokazzjoni minn post ghal iehor u mhux ghall-istess post.*
    VIII. *Illi inoltre l-applikazzjoni ġiet miċħuda, li telenka serje ta' problemi f'din l-applikazzjoni li huma : ' Loss of parking spaces, Lack of pedestrian safety while crossing pavement to render the service, high risk of pedestrians and clients in th event of a traffick accident , high risk of visibility for drivers/ visibility interference for drivers,' annessa u mmarkat* **DOK A** *il-korrispondenza ta' Trasport Malta Ref: GLA12B/2020/0301*

[3] Rikors Numru 117/2019 : Jeffrey Friggieri Vs L-Awtorita` tal-Artijiet, 15 ta' Gunju 2020

[4] Enfażi miżjuda

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet li tiċħad l-applikazzjoni GLA12B/2020/0301 meħuda fi ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu, 2020."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilha permezz ta' ittra datata 25 ta' Awwissu 2020 fejn giet infurmata illi l-applikazzjoni taghha *"for relocation of tables and chairs and umbrellas from Victory Square to Main Street, including demountable platform and wrought iron fence at 1, Main Street, c/w Vjal il-Labour, Naxxar"* kienet qieghda tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet, u cioe`:
*"1. The placing of T&C at this location is a potential safety risk to the users of the public space.*
*2. The hazards identified by TM in the refusal letter datd 23rd July 2020."*

**Antonia Farrugia,** *case officer* mal-Awtorita` intimata, spjegat illi r-rikorrenti diga ghandha permess tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar sabiex tpoggi mwejjed u siggijiet fuq bankina faccata tal-hanut. Bl-applikazzjoni odjerna r-rikorrenti riedet li minflok tpoggi l-imwejjed u s-siggijiet skont il-permess mahrug mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, tpoggihom ezatt mal-faccata tal-hanut taghha. Pero`, ix-xhud spjegat li dan fl-opinjoni tal-Awtorita` kien se johloq riskji ghall-utenti tat-triq.

**Ir-rikorrenti** spjegat illi xi snin ilu kienet saret applikazzjoni mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar sabiex jitqieghdu mwejjed u siggijiet kemm fuq il-bankina ta' faccata l-hanut u kif ukoll ezattament taht il-bankina adjacenti ghall-hanut in kwistjoni, anke jekk dak iz-zmien kien maghruf b'isem iehor. Tispjega li ghal dan il-permess ma kien hemm l-ebda oggezzjoni da parti ta' Transport Malta. Tispjega pero` li qabel ma hareg il-permess, it-talba ghat-tpoggija tal-imwejjed u s-siggijiet fit-triq giet irtirata u nzammet ferma t-talba taghha ghall-faccata tal-hanut. Eventwalment, fit-3 ta' Ottubru 2017, inhareg permess ghal tpoggija ta' mwejjed u siggijiet fil-pjazza quddiem il-hanut. Madankollu, jirrizulta illi fil-25 ta' April 2018 stabbiliment iehor kiseb permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar biex ipoggi hu wkoll mwejjed u siggijiet fl-istess pjazza, liema permess kien in parte jirkeb

fuq il-permess taghha. Tispjega li dan l-istabbiliment ipproceda immedjatament b'talba mal-Awtorita` intimata ghal *encroachment*, liema talba giet milqugha. Ghaldaqstant meta hija ssottomettiet applikazzjoni ghal *encroachment* fuq l-istess pjazza, tali talba giet michuda in vista li diga kien hemm *committment* versu stabbiliment iehor. Ghalhekk ipprocediet biex tapplika mal-Awtorita` tal-Ippjanar biex ikollha permess ghal imwejjed u siggijiet fuq il-parti ezattament adjacenti ghall-hanut taghha. Tispjega li filwaqt li fi zmien l-ewwel applikazzjoni Transport Malta ma kellhiex oggezzjoni ghal tali zvilupp, issa l-istess Awtorita` qieghda toggezzjona.

**Michael Cohen**, konsulent mal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, spjegali meta tidhol talba ghal uzu ta' art pubblika, issir spezzjoni u wara tohrog rakkomandazzjoni. Jispjega li f'dan il-kaz kien se jkun hemm impatt fuq il-parkegg u kien hemm kwistjoni ta' sigurta` minhabba l-kwantita` ta' traffiku li jghaddi mit-triq in kwistjoni. Mistoqsi ghaliex fil-mori tal-applikazzjoni Nru. 1966/17 quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar, l-Awtorita` ghat-Trasport ma kinitx oggezzjonat meta kien qieghed jigi propost zvilupp identiku, ix-xhud wiegeb illi mill-2017/2018 inbidlu l-persuni u l-approcc li l-Awtorita` tieghu f'sitwazzjonijiet simili

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal**-ewwel u t-tieni aggravju** r-rikorrenti sahqet illi l-Awtorita` intimata agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha stante li r-ragunijiet citati minnha fl-ittra tar-rifjut ghandhom jigu decizi fil-process ta' l-Ippjanar u minn Awtoritajiet ohra. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma dan. Illi l-Awtorita` intimata, ai termini tal-artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha d-dover li "***tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta'importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi.***" Dan ifisser li d-diskrezzjoni li trid tezercita meta tigi biex tiddetermina talba bhal dik odjerna hija li tara jekk b'dak mitlub hux se jsir l-ahjar uzu mill-art pubblika. Kwindi taghmel sewwa li biex tasal ghad-decizjoni taghha l-Awtorita` intimata tikkonsulta mal-Awtorita` responsabbli mis-sigurta` fit-toroq u tiehu l-veduti taghha. Illi jirrizulta illi fil-kaz in ezami dan huwa proprjament li sar. Fil-fatt l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ma kinitx favur rakkomandazzjoni li t-talba tar-rikorrenti tintlaqa u dan minhabba s-segwenti ragunijiet:-

*"1) Lack of parking spaces;*
*2) Lack of pedestrian safety while crossing pavemement to render the service;*
*3) High risk for pedestrians and clients in the event of a traffic accident;*
*4) High risk of visibility for drivers/visibility interference for drivers."*

Illi filwaqt li huwa minnu, kif qal id-difensur tar-rikorrenti, illi l-applikant isib quddiemu il-*fait accomplit* meta jircievi d-decizjoni, u ghalhekk ma jkollux opportunita` li forsi jasal f'xi tip ta' kompromess mal-Awtorita` koncernata, bhal ma forsi jsir fil-process quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar, pero` sakemm ir-ragunijiet moghtija minn Awtorita` huma ragunati dan it-Tribunal ma jhossx illi ghandu jissugerixxi xi *modus operandi* iehor. Meta t-Tribunal ra l-konfigurazzjoni tat-triq u wkoll l-ambjent immedjat, u *cioe`* c-centralita` fil-lokalita` li fiha jinsab l-istabbiliment tar-rikorrenti, il-preokkupazzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta huma reali hafna. Illi t-triq in kwistjoni mhix xi triq wiesgha hafna u ghalkemm il-karozzi jghaddu f'direzzjoni wahda, xorta wahda jezistu riskji ghal min jista' jkun qieghed jinqeda fuq l-imwejjed u s-siggijiet barra l-hanut. Dan it-Tribunal huwa konxju ta' incidenti ricenti li sehhew fejn vetturi baqghu dehlin go mwejjed u siggijiet li kienu fit-triq jew fuq bankini f'toroq hafna iktar wiesgha minn dik odjerna. Illi ghalhekk, certament jezisti dan il-perikolu li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta irrilevat u li l-Awtorita` intimata semmiet fir-rifjut taghha. Illi fil-fehma tat-Tribunal jezistu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha elenkat fir-rakkomandazzjoni ghar-rifjut tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, u cioe` n-nuqqas ta' parkegg, ostaklu ghall-persuni li jkunu ghaddejjin minn fuq il-bankina u wkoll perikolu ghas-sewwieqa minhabba nuqqas ta' vizibilita`.

Illi permezz tat-**<u>tielet aggravju</u>**, r-rikorrenti tishaq li d-decizjoni appellata hija nulla u bla effett stante li tmur kontra l-Ligi u kif ukoll kontra kull dettam illi Bord gudizzjarju jew kwazi gudizzjarju ghandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji mressqa quddiemu. Illi dan it-Tribunal jissottolineja illi l-Awtorita` intimata la hi Bord gudizzjarju u lanqas kwazi gudizzjarju, izda hija l-Awtorita` regolatrici fejn jidhlu kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ta' proprjeta` pubblika. Kwindi, id-decizjonijiet taghha dejjem iridu jkunu ragjonevoli u fil-limiti tal-poteri moghtija lilha, pero` mhix marbuta li d-decizjonijiet taghha jittiehdu f'seduti pubblici kif tippretendi r-rikorrenti. Illi lanqas ma hu misthoqq l-aggravju tar-rikorrent illi d-decizjoni hija difettuza stante li hi nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddecidewha. It-Tribunal josserva illi d-decizjoni kif kontenuta fl-ittra tal-25 ta' Awwissu 2020 iggib il-firma ta' Antonia Farrugia ghan-nom tal-Awtorita` intimata. Fl-opinjoni tat-Tribunal dan huwa sufficjenti biex l-Awtorita` intimata tassumi r-responsabbilita` ta' tali decizjoni. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jarax li dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

Illi permezz tar-**raba' aggravju** r-rikorrenti ssostni li  d-decizjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni li twassal lir-rikorrent tifhem kif u a bazi ta' liema *policies* u principji l-istess decizjoni ttiehdet.  Illi t-Tribunal josserva illi l-ewwel raguni tar-rifjut hija cara hafna, pero` t-tieni raguni, u cioe` l-perikoli identifikati minn Transport Mlata fl-ittra tat-23 ta' Lulju 2020, m'humiex identifikabbli mill-istess ittra.  Madankollu, meta t-Tribunal qies ir-ragunijiet moghtija mill-Awtorita` ghat-Trasport jirrizulta illi dawn jistghu jigu riassunti fl-ewwel raguni moghtija fid-decizjoni appellata.  Madankollu it-Tribunal iqis li jkun xieraq illi meta l-Awtorita` intimata tohrog decizjoni din telenka r-ragunijiet kollha abbazi ta' liema tkun qieghda tirrifjuta applikazzjoni u mhux biss billi taghmel referenza ghal xi perikolu identifikat minn xi Awtorita` ohra.  B'hekk min ihossu aggravat jitpogga f'posizzjoni ahjar u mill-ewwel biex jevalwa jekk hemmx lok ta' appell jew le mill-istess decizjoni.  Madankollu, fil-kaz prezenti, it-Tribunal huwa tal-fehma illi peress li l-ewwel raguni tat indikazzjoni cara tal-bazi tar-rifjut, ir-rikorrenti tpoggiet f'posizzjoni sufficjenti li setghet tressaq dan l-appell.

Illi permezz tal-**hames aggravju**, ir-rikorrenti tishaq illi d-decizjoni appellata hija wahda diskriminatorja fil-konfront taghha u ghaldaqstant hija nulla u bla effett.  Illi fuq dan il-fatt ma gabet l-ebda prova.  Kwindi dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi permezz tas-**sitt aggravju** r-rikorrenti tishaq illi s-sit in kwistjoni diga kellu koncessjoni identika approvata fis-snin precedenti.  Fil-verita`, mill-atti jirrizulta li kien hemm applikazzjoni mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghal permess ghat-tpoggija ta' mwejjed u siggijiet kemm faccata tal-hanut fil-pjazzetta u kif ukoll biswit il-hanut.  Jirrizulta pero` illi dik il-parti tal-applikazzjoni li kienet tirrigwarda t-tpoggija ta' mwejjed u siggijiet taht il-bankina adjacenti ghall-hanut in kwisjtoni kienet giet irtirata.  Kwindi da parti tal-Awtorita` intimata ma jistghax jinghad li kienet ikkoncediet xi *encroachment* fuq l-istess sit u issa kienet qieghda tirrifjuta talba identika.  Illi jista' jkun li fiz-zmien li kien hemm l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar, Transport Malta ma kinitx oggezzjonat ghal tali zvilupp mentri issa oggezzjonat.  Dan pero` ma jbiddel xejn mill-fatt illi hemm perikolu ezistenti u li jekk forsi Transport Malta ma qisitux hekk fis-snin passati, issa qieghda tikkunsidrah bhala tali.  Il-fatt li jista' jaghti l-kaz li fis-snin passati xi awtorita` pubblika ma haditx l-ahjar decizjoni fic-cirkostanzi ma jfissirx illi trid tibqa' mwahhla mal-istess decizjoni jekk fil-fehma taghha jezistu perikoli reali ghal min jaghmel uzu mit-triq in kwistjoni.   Illi ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi permezz tas-**seba' u t-tmien aggravju** ir-rikorrenti tirrileva illi t-talba taghha m'hu se tikkreja l-ebda perikolu u wkoll li l-istess talba hija konformi mal-Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces.  Illi kif gie spjegat iktar 'il fuq, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal jekk tinghata din il-

koncessjoni se jinholoq perikolu kemm ghall-klijenti potenzjali li jkunu qeghdin jigu servuti fit-triq u kif ukoll ghall-vetturi li jkunu dehlin fl-istess triq u dan anke in vista tal-fatt illi faccata tas-sit mitlub hemm proprju parkegg ta' numru zghir ta' vetturi li naturalment se jkunu qed jimmanuvraw biex jidhlu u johorgu mill-istess parkegg. Dan apparti illi l-istess triq isservi ta' ingress principali gewwa zona residenzjali fin-Naxxar u kwindi ma tistghax titqies bhala xi triq fejn it-traffiku huwa wiehed pjuttost kajman.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjoni appellata ghandha tigi konfermata fit-totalita` taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**